II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

Emenda għall-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti ta' Merkanzija li jaqgħu taħt il-Carnets TIR (Konvenzjoni TIR, 1975 [1])

Skont in-Notifika lid-Depożitarju tan-NU C.N.326.2011.TRATTATI–2 l-emendi segwenti għall-Konvenzjoni TIR jidħlu fis-seħħ fit-13 ta' Settembru 2012 għall-Partijiet Kontraenti kollha

L-Artikolu 1(q), linja 1:
Il-kelma "approvat" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "awtorizzat".

L-Artikolu 1(q), linja 2:
Il-kelma "garanzija" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "garanti" [2].

L-Artikolu 1(q):
Wara l-Artikolu 1(q) daħħal paragrafu ġdid (r) bil-kitba kif ġejja:

"(r) it-terminu 'organizzazzjoni internazzjonali' jfisser organizzazzjoni awtorizzata mill-Kumitat Amministrattiv biex tieħu ħsieb l-organizzazzjoni u l-funzjonament effettiv ta' sistema għal garanzija internazzjonali."

Artikolu 8, paragrafu 1:
Immodifika l-paragrafu 1 sabiex jinqara kif ġej:

"1. L-assoċjazzjoni garanti tkun responsabbli biex tħallas sal-massimu tal-ammont garantit tad-dazji u t-taxxi ta' importazzjoni u esportazzjoni flimkien ma' kwalunkwe interessi minħabba nuqqas ta' ħlas dovuti taħt il-liġi u r-regolamenti Doganali tal-Parti Kontraenti, jekk ikun ġie stabbilit, b'rabta mal-operazzjoni TIR, li seħħet irregolarità fil-konfront tagħhom, li twassal għal talba kontra l-assoċjazzjoni. L-assoċjazzjoni tkun responsabbli, in solidum mal-persuni li għandhon jagħtu l-ammonti msemmijin, għall-ħlas ta' ammonti bħal dawn."

Artikolu 8, paragrafu 7:
~~Ħassar~~ il-paragrafu 7.

L-Artikolu 10, il-paragrafu 2, linja 1:
Il-kelma "pajjiż" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Parti Kontraenti".

Artikolu 11, paragrafu 1:
Immodifika l-paragrafu 1 sabiex jinqara kif ġej:

"1. Meta operazzjoni TIR ma ġietx imwettqa, l-awtoritajiet kompetenti:

(a) jinnotifikaw lid-detentur tal-Carnet TIR fl-indirizz tiegħu indikat fil-Carnet TIR li l-operazzjoni ma ġietx imwettqa;

(b) jinnotifikaw lill-assoċjazzjoni li tiggarantixxi li l-operazzjoni ma twettqitx.

[1] Test ikkonsolidat ippubblikat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/477/KE (ĠU L 165, 26.6.2009, p. 1).
[2] L-Ingliż u l-Franċiż biss, fit-test Russu t-terminu eżistenti ma jinbidilx.

L-awtoritajiet kompetenti jinnotifikaw lill-assoċjazzjoni garanti qabel perjodu massimu ta' sena mid-data ta' aċċettazzjoni tal-Carnet TIR min-naħa ta' dawk l-awtoritajiet, jew sentejn minn meta ċ-ċertifikat ta' terminazzjoni tal-operazzjoni TIR ikun ġie ffalsifikat jew akkwistat b'mod irregolari jew frawdolenti."

Artikolu 11, paragrafu 1:
Wara l-paragrafu 1 daħħal paragrafu 2 ġdid li għandu jinqara kif ġej:

"2. Fejn l-ammonti msemmijin fl-Artikolu 8, paragrafi 1 u 2 iridu jitħallsu l-awtoritajiet kompetenti, safejn hu possibbli, jeżiġu l-ħlas mill-persuna jew persuni li huma responsabbli għal tali ħlas qabel ma jagħmlu t-talba kontra l-assoċjazzjoni garanti."

Artikolu 11, paragrafu 2:
Agħti numru mill-ġdid lill-paragrafi 2 u 3 sabiex isiru l-paragrafi 3 u 4.

L-Artikolu 11, paragrafu ġdid 3:
Immodifika l-paragrafu 3 sabiex jinqara kif ġej:

"3. It-talba għall-ħlas tal-ammonti msemmijin fl-Artikolu 8, paragrafi 1 u 2 issir kontra l-assoċjazzjoni garanti mhux aktar kmieni minn tliet xhur wara d-data li fiha l-assoċjazzjoni ġiet innotifikata li l-operazzjoni ma twettqitx jew li ċ-ċertifikat ta' terminazzjoni tal-operazzjoni TIR ġie ffalsifikat jew akkwistat b'mod irregolari jew frawdolenti, u mhux aktar tard minn sentejn wara dik id-data. Madanakollu, f'każijiet fejn l-operazzjonijiet TIR li, matul il-perjodu ta' sentejn imsemmi hawn fuq, isiru soġġetti għal proċeduri amministrattivi jew legali li jikkonċernaw l-obbligu ta' ħlas tal-persuna jew persuni msemmijin fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, kwalunkwe talba għall-ħlas għandha ssir mhux aktar tard minn sena wara d-data li fiha tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni tal-awtoritajiet jew tal-qrati kompetenti."

L-Artikolu 11, paragrafu ġdid 4:
Issostitwixxi t-test eżistenti b'dan li ġej:

"4. L-assoċjazzjoni garanti tħallas l-ammonti mitlubin fi żmien tliet xhur mid-data li fiha tkun saritilha t-talba għall-ħlas.

5. L-ammonti li tħallsu jiġu rimborsati lill-assoċjazzjoni garanti jekk, matul il-perjodu ta' sentejn mid-data li fiha tkun saret it-talba għall-ħlas fil-konfront tagħha, ikun ġie stabbilit, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti, li l-ebda irregolarità ma seħħet b'rabta mal-operazzjoni TIR ikkoncernata. Il-limitu ta' sentejn jista' jiġi estiż b'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali."

L-Anness 6, in-Nota ta' Spjegazzjoni 0.8.3, linja 1:
Il-kliem "Awtoritajiet doganali" jiġu sostitwiti bil-kliem "Partijiet Kontraenti".

L-Anness 6, in-Nota ta' Spjegazzjoni 0.8.5, linja 1:
Il-kliem "il-garanzija hija ddubitata" jiġu sostitwiti bil-kliem "talba għall-ħlas issir fil-konfront tal-assoċjazzjoni garanti".

L-Anness 6, in-Nota ta' Spjegazzjoni 0.8.7:
Ħassar in-Nota ta' Spjegazzjoni 0.8.7.

L-Anness 6, in-Nota ta' Spjegazzjoni 0.10:
Agħti numru mill-ġdid lin-Nota ta' Spjegazzjoni 0.10 sabiex issir Nota ta' Spjegazzjoni 0.10–1.

L-Anness 6, in-Nota ta' Spjegazzjoni 0.10-1:
Wara n-Nota ta' Spjegazzjoni 0.10–1 daħħal Nota ta' Spjegazzjoni ġdida 0.10–2 li għandha tinqara kif ġej:

"0.10–2 Il-frażi 'jew l-ebda terminazzjoni ma seħħet' tinkludi dawk is-sitwazzjonijiet fejn iċ-ċertifikat ta' terminazzjoni jkun ġie ffalsifikat."

L-Anness 6, in-Nota ta' Spjegazzjoni 0.11-1:
Issostitwixxi t-test eżistenti b'dan li ġej:

"0.11–1 Il-metodu ta' notifikazzjoni bil-miktub jitħalla f'idejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali."

L-Anness 6, in-Nota ta' Spjegazzjoni 0.11-2:
Issostitwixxi t-test eżistenti b'dan li ġej:

"0.11–2 L-isforzi kif ġew stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti sabiex iġiegħlu l-persuna jew il-persuni responsabbli għall-ħlas jinkludu, minn tal-inqas, azzjoni biex tintbagħat it-talba għall-ħlas lid-detentur tal-Carnet TIR, fl-indirizz tiegħu kif indikat fil-Carnet TIR, jew lill-persuna jew persuni responsabbli, jekk huma differenti, stabbiliti skont il-leġislazzjoni nazzjonali. It-talba għall-ħlas lid-detentur tal-Carnet TIR tista' tiġi kkumbinata man-notifika msemmija fil-paragrafu 1(a) ta' dan l-Artikolu."

L-Anness 6, in-Nota ta' Spjegazzjoni 0.11-3:
Issostitwixxi t-test eżistenti b'dan li ġej:

"0.11–3–1 Meta jiġu biex jiddeċiedu jekk jirrilaxxawx il-merkanzija jew il-vettura jew le, l-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx, meta jkollhom mezzi legali oħrajn biex jipproteġu l-interessi li għalihom huma responsabbli, ikunu influwenzati mill-fatt li l-assoċjazzjoni garanti tkun responsabbli għall-ħlas tad-dazji, tat-taxxi u tal-imgħax awtomatiku pagabbli mid-detentur tal-Carnet.

0.11–3–2 L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jinfurmaw lill-assoċjazzjoni garanti li l-proċeduri amministrattivi jew legali li jikkonċernaw l-obbligu ta' ħlas inbdew. Fi kwalunkwe każ, l-awtoritajiet kompetenti jinfurmaw lill-assoċjazzjoni garanti b'tali proċeduri li jistgħu jintemmu wara li jkun skada l-perjodu ta' sentejn li ġie qabel dak il-limitu ta' żmien."

L-Anness 6, in-Nota ta' Spjegazzjoni 0.11-4:
Żid nota ta' Spjegazzjoni ġdida 0.11–4 sabiex tinqara kif ġej:

"0.11–4 Jekk assoċjazzjoni garanti tintalab, skont il-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu, tħallas is-somom li jissemmew fl-Artikolu 8(1) u (2), u ma tagħmilx dan fil-limitu ta' żmien ta' tliet xhur preskritt mill-Konvenzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jinvokaw regolamenti nazzjonali biex jeħtieġu l-pagament tas-somom in kwistjoni għaliex dak li jkun involut f'każi bħal dawn huwa nuqqas li jiġi onorat kuntratt ta' garanzija li tkun daħlet għalih l-assoċjazzjoni garanti skont il-liġi nazzjonali. Il-limitu taż-żmien japplika wkoll fil-każ li l-assoċjazzjoni garanti, wara li tkun saritilha t-talba, tikkonsulta lill-organizzazzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 6(2) dwar il-pożizzjoni tagħha fir-rigward tat-talba."

L-Anness 6, in-Nota ta' Spjegazzjoni 0.28:
Agħti numru mill-ġdid lin-Nota ta' Spjegazzjoni 0.28 sabiex issir Nota ta' Spjegazzjoni 0.28–1.
Wara n-Nota ta' Spjegazzjoni 0.28–1 daħħal Nota ta' Spjegazzjoni ġdida 0.28–2 li għandha tinqara kif ġej:

"0.28–2 Dan l-Artikolu jipprevedi li t-terminazzjoni tal-operazzjoni TIR se tkun soġġetta għat-tpoġġija tal-merkanzija taħt proċedura oħra Doganali jew sistema Doganali oħra ta' kontroll. Dan jinkludi l-approvazzjoni tal-merkanzija għall-użu fid-djar (jew sħiħa jew inkella taħt kundizzjoni), it-trasferiment transkonfinali lejn pajjiż terz (esportazzjoni), jew lejn żona ħielsa, jew il-ħżin tal-merkanzija f'post li jkun ġie approvat mill-awtoritajiet Doganali fl-istennija tad-dikjarazzjoni għal proċedura oħra."